MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2006

Numru. 443/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Haber)
(Spettur Edel Camilleri)

Vs

Bubaker Karim
Ahmed Salem
Falais Mohamed Isa
Fasil Joussef
Wanda Gerimn Aron Gabriel
Haile Attalele Hagos
Mohammed Adam Ahmed
Ahmed Hussein
Montaser Abdullah
Naim Mohammed
Yassin Ahmed Mohammed
Mohammed Samuel Biled

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati hawn fuq imsemmija fejn gew akkuzati li fid-9 ta' Mejju, 2006, fil-kumpless ta' detenzjoni gewwa Ta' Kandja, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ta' nies ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli dak illi din il-migemgha ta' nies kellha il-hsieb li taghmel fil-fatt sar;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara u gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli u immobbli fuq proprjeta' liema hsara tammonta ghall-aktar minn LM500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi, kissru l-paci pubblika u l-bon ordni;

U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixxklu persuni inkarigati waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahhlu fi dmirijiethom illi ma hallewx lil haddiehor jaghmlu dak id-dmir skond il-ligi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali  sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghat lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma ghandhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda li gew prodotti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi prodotti li fid-9 ta' Mejju, 2006, inqalghu xi ncidenti fic-Centru tad-Detenzjoni ta' l-Immigranti Illegali f' Ta' Kandja. Irrizulta li l-immigranti illegali li kien hemm fid-dormitorju B kienu qed jaghmlu rewwixta fl-istess dormitorju. L-inkwiet inizjalment inqala' ghaliex l-immigranti illegali tad-dormitorju bdew jilmentaw dwar il-kwalita' ta' l-ikel. Huma kienu qalghu, jew ahjar zarmaw, il-*bunk beds* maghmula mill-hadid u l-bankijiet ta' l-injam u bdew jaghtu bil-hadid u bil-bankijiet ta' l-injam fuq il-kancell ta' gewwa u bdew jippruvaw jisgassaw il-kancell ta' barra biex johorgu 'l barra. Irrizulta wkoll li kien hemm ghajjat u theddid fil-konfronti ta' l-ufficjali tal-Pulizija li marru fuq il-post sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. *Nonostante* li l-Pulizija bdew jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, l-immigranti irregolari tad-dormitorju B komplew bl-ghajjat u t-theddid u bdew ikissru kull ma sabu quddiemhom bis-sodod tal-hadid. Huma tefghu ukoll is-sapun bl-ilma ma' l-art sabiex ifixxklu lill-Pulizija u jaghmluha aktar difficli sabiex dawn ikunu jistghu jersqu lejhom. L-immigranti rrifjutaw li jobdu l-ordnijiet moghtija lilhom mill-Pulizija sabiex jersqu lura u jieqfu mill-agir taghhom u dan *nonostante* li nghataw diversi twissijiet f'dan is-sens. Wara li ssejhu r-rinforzi addizzjonali, il-Pulizija rnexxielha tiftah il-kancell, tidhol fid-dormitorju u tikkalma s-sitwazzjoni u gew arrestati tnax-il persuna li huma l-imputati fil-kawza odjerna. Mix-xhieda tas-**<u>Supretendent Bayliss</u>** jirrizulta s-segwenti:-

*"Jien fhimt illi l-imputati riedu jifqghu il-gate biex jaharbu u dan fhimtu wkoll mill-mossi li bdew jaghmlu bis-sodda li kellhom zarmata. Fil-fatt gate minnhom gie kwazi ghar-rimi, irridu nibdluh bid-daqqiet li qala."*

Fil-fatt gew esebiti r-ritratti li ttiehdu mis-scene of crime officer PS46 Charlot Casha (ara folio 89 tal-process) li jindikaw il-hsara li giet kkangunata. Inoltre, PS 1210 James Gauci li xehed fis-seduta tat-28 ta' Lulju, 2006 u li huwa stazzjonat fit-Trade Section tal-Pulizija ikkonferma li l-hsarat kawzati kienu jammontaw komplessivament ghas-somma ta' LM648 u huwa pprezenta elenku dettaljat tal-hsarat relattivi (Dok AL 1 esebit a folio 99 tal-process).

Mix-xhieda tal-Kurunell Brian Gatt moghtija fid-19 ta' Mejju, 2006 irrizulta wkoll li whud mill-immigranti illegali li kienu fid-dormitorju B bdew jigbru l-hmieg imxarrab minn ma' l-art u tefghuh fuq il-Kurunell Gatt u s-Surgent Maggur Galea. Huwa kkonferma wkoll li l-immigranti illegali li kienu fid-dormitorju B bdew ikissru s-sodod u l-imwejjed u l-kancell u tefghu s-sapun ma' l-art.

It-tnax-il imputat lkoll xehdu u nnegaw li huma kkagunaw hsarat fil-kancell u fid-dormitorju B. Huma sostnew li l-hsara li tidher fir-ritratti esebiti a folio 89 tal-process kienet diga' hemm qabel l-incident tad-9 ta' Mejju, 2006 u ma gietx ikkagunata minnhom. Inoltre it-tnax-il imputat hawn fuq imsemmija cahdu li huma ppartecipaw f'rewwixta u lkoll sostnew li huma kienu qeghdin biss jitolbu l-liberta'.

Il-Qorti ezaminat b'reqqa kbira l-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' l-akkuzi migjuba minnha fil-konfronti ta' l' hawn fuq imsemmija imputati w dehrilha li jkun opportun li jsir ezami akkurat fil-konfronti ta' kull wiehed mill-imputati sabiex jigi stabbilit jekk l-akkuzi gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti ta' kull *wiehed mill-imputati individwalment.*

Mill-provi rrizulta li l-imputat Haile Attalele Hagos, detentur tan-numru tal-Pulizija 05G-013 kien barra l-kancell u cioe' barra mid-dormitorju B. Skond ix-xhieda tas-Supretendent Martin Bayliss, kif ukoll dik tal-Maggur Charles Galea u ta' PS 928 Ramon Mifsud Grech, l-imsemmi imputat kien barra l-kancell iheggeg lil shabu li kienu gewwa d-dormitorju sabiex jippruvaw johorgu. Huwa rrifjuta li jobdi l-ordni tal-Pulizija li jidhol gewwa d-dormitorju.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat Aron Gabriel Wanda Gerimn, detentur tan-numru tal-Pulizija 05G-036 wkoll kien barra l-kancell. Is-Supretendent Bayliss spjega li l-imsemmi imputat beda jirrifjuta li jinqala' minn mal-kancell u jidhol fid-dormitorju skond kif gie ordnat li jaghmel mill-Pulizija. Huwa inoltre beda jikkopera bis-shih ma' l-immigranti illegali li kien hemm gewwwa d-dormitorju, u cioe' dawk li kienu qed jippruvaw jifqghu t-tieni gate ta' barra. Inoltre, il-Kurunell Brian Gatt ukoll ikkonferma li dan

l-imputat kien imqabbad mal-kancell minn barra u rrifjuta li jidhol gewwa wara li nghata d-debita ordni mill-ufficjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post. Il-Maggur Charles Galea xehed li dan l-imputat beda’ jwaddab is-sodda li kienet fuq barra ghal fuq l-ufficjali tal-Pulizija. Dan kollu gie kkorroborat minn PS 928 Ramon Mifsud Grech.

Fil-konfronti ta’ l-imputat Ahmed Hussein, li huwa detentur tan-numru tal-Pulizija 05G-003, is-Supretendent Bayliss xehed li dan ukoll kien barra l-kancell u beda jheggeg lin-nies li kien hemm fuq gewwa sabiex ikomplu jaqilghu il-kancell u johorgu ghal barra. Dawn il-fatti gew ikkonfermati mill-Kurunell Brian Gatt, mill-Maggur Charles Galea, minn PS 928 Ramon Mifsud Grech u minn PC 83 Emanuel Sciberras.

Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-ewwel, it-tielet u r-raba’ akkuzi jirrizultaw pruvati fil-konfronti ta’ l’ hawn fuq imsemmija imputati Aron Gabriel Wanda Gerimn, detentur tan-numru tal-Pulizija 05G-036, Haile Attalele Hagos, detentur tan-numru tal-Pulizija 05G-013 u Ahmed Hussein, detentur tan-numru tal-Pulizija 05G-003 u ghalhekk issib lil dawn it-tlett imputati hatja ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba’ akkuza u wara li rat l-Artikoli 68(2) u (3), 13 (1), 338 dd u 338 ee tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannahom prigunerija ta’ erba’ (4) xhur kull wiehed, mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imsemmija tlett imputati qattghu taht arrest preventiv. Peress li t-tieni akkuza ma tirrizultax pruvata fil-konfronti ta’ l-imsemmijia tlett imputati, huma qed jigu liberati minn din l-akkuza.

Mill-provi rrizulta li l-imputat Falais Mohammed Isa, detentur tan-numru tal-Pulizija 06B-006 kien wiehed mill-grupp ta’ quddiem gewwa d-dormitorju B li qala’ l-inkwiet u ha parti attiva fit-tkissir. Dan gie ikkonfermat mill-Kurunell Brian Gatt, kif ukoll mill-Maggur Charles Galea, minn PS 928 Ramon Mifsud Grech, minn PC 83 Emanuel Sciberras u minn PC 769 Jesmond Cucciardi. Il-Maggur Charles Galea xehed li dan l-imputat kien aggressiv immens. Huwa beda jwaddab il-bicciet tal-hadid li qala’ minn mas-sodda u mit-tustieri ta’ l-istess sodda u jwaddabhom minn bejn il-hadid lejn il-Pulizija. PS 98 qal li

dan l-imputat kien wiehed mit-troublemakers li kien qed ikisser filwaqt li PC 83 xehed li dan l-imputat ippartecipa fit-tkissir tal-kancell u tkissir tas-sodod u fl-istorbju li kien qed isir.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputati Mohammed Samuel Biled, maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-008 kien wiehed mill-aktar partecipanti vjolenti fir-rewwixta in kwistjoni. Il-Kurunell Brian Gatt jghid li dan l-imputat kien l-izjed wiehed li beda jistiga, jkisser u jaghmel hafna storbju u jghid li dan l-imputat kellu l-hadid tas-sodod f’idejh. Il-Maggur Charles Galea ikkonferma li l-imsemmi imputat kien wiehed mill-aktar li wera aggressivita’ fit-tkissir filwaqt li PS 928 jghid li dan l-imputat kien wiehed minn dawk li kien qed ikisser bl-injam u bil-hadid. Dan kollu gie kkoroborat minn PC 83 Emanuel Sciberras u minn PC 769 Jesmond Cucciardi.

Mill-provi irrizulta wkoll li l-imputat Ahmed Salem detentur tan-numru tal-Pulizija 05R-022 kien wiehed minn dawn l-immigranti illegali li qala’ l-inkwiet u ha parti attiva fit-tkissir tal-kancell. Dawn il-fatti gew kkonfermati mill-Kurunell Brian Gatt, mill-Maggur Charles Galea u minn PS 928 Ramon Mifsud Grech.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Bubaker Karim maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-027 irrizulta wkoll ampjament ippruvat li dan ippartecipa b’mod attiv fit-tkissir u fl-istorbju li nqala’. Is-Supretendent Martin Bayliss, fil-konfronti ta’ dan l-imputat xehed li huwa beda jaghti fuq il-kancell bis-sodda filwaqt li l-Maggur Charles Galea qal li dan l-imputat kien wiehed milli ghen hafna fit-tkissir u waddab l-ilma mahmug. PS 928 Ramon Mifsud Grech identifika lil dan l-imputat bhala wiehed minn dawk li beda jkisser bl-injam u bil-hadid.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat Montaser Abdullah li huwa maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-0014 kien wkoll wiehed mill-immigranti illegali li beda jaqla’ l-inkwiet u jkisser. Fil-konfronti ta’ dan l-imputat, is-Supretedent Martin Bayliss xehed li l-imsemmi imputat beda iheggeg u jaghti bis-sodod fuq il-kancell filwaqt li l-Kurunell Brian

Gatt jikkorobora dawn il-fatti. Il-Maggur Charles Galea xehed li l-imsemmi imputat beda' jghajjat u jaqla' l-hadid filwaqt li PS 928 jghid lid an l-imputat kien wiehed mill-persuni li beda jkisser bl-injam u bil-hadid.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Fasil Joussef, li huwa detentur tan-numru tal-Pulizija 05F-038 ukoll irrizulta ampjament pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li dan ha parti attiva kemm fit-tkissir u l-istorbju li nqala' fid-9 ta' Mejju, 2006 fic-Centru tad-Detenzjoni ta' Ta' Kandja. Is-Supretendent Bayliss fil-fatt xehed li dan l-imputat kien wiehed minn dawk li beda jaghti fuq il-gate bis-sodda sabiex iqaccat il-gate u johrog filwaqt li l-Maggur Charles Galea identifika lil dan l-imputat bhala wiehed minn dawk li beda jghin sabiex tinqala' s-sodda sabiex b'hekk l-ohrajn ikissru l-kancell.

In kwantu jirrigwardja l-imputat Yassin Ahmed Mohammed, detentur tan-numru tal-Pulizija 05G-031, il-Kurunell Brian Gatt xehed li dan kien wiehed mill-grupp li kien fuq quddiem filwaqt li l-Maggur Charles Galea qal li ra lil dan l-imputat iqaccat ir-rixtellu bil-bicciet tal-hadid li kienu tawh shabu.

Mill-provi rrizulta wkoll pruvat li l-imputat Mohammed Adam Ahmed, maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-011 kien fuq quddiem qed jistiga u ha parti fit-tkissir tal-kancell u tal-main door ta' barra. Dan gie kkonfermat mill-Kurunell Brian Gatt, mill-Maggur Charles Galea u minn PS 928 Ramon Mifsud Grech.

L-istess jinghad in kwantu jirrigwarda l-imputat Naim Mohammed, maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-010. PS 928 Ramon Mifsud Grech xehed li l-imsemmi imputat kien wiehed mill-persuni li bdew jassaltaw il-kancell filwaqt li l-Kurunell Brian Gatt jghid li huwa kien wiehed mill-immigranti li kienu fuq quddiem u li huwa rah fuq in-naha ta' l-imwejjed. Il-Maggur Charles Galea identifika lil dan l-imputat bhala wiehed minn dawk li waddab l-ilma mahmug.

Il-Qorti jidrilha li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti ta' l' hawn fuq imsemmija disa' imputati u ghalhekk issib lill-imputati:

Falais Mohamed Isa maghruf bin-numru tal-Pulizija 06B-006
Mohammed Samuel Biled maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-008
Ahmed Salem maghruf bin-numru tal-Pulizija 05R-022
Bubaker Karim maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-027
Montaser Abdullah maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-0014
Fasil Joussef maghruf bin-numru tal-Pulizija 05F-038
Yassin Ahmed Mohammed maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-031
Mohammed Adam Ahmed maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-011
Naim Mohammed maghruf bin-numru tal-Pulizija 05G-010

hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom u wara li rat l-Artikoli 68(2) u (3), 325 (1) (a), 338 dd u 338 ee tal-Kapitlu 9 tikkundannhom prigunerija ghal zmien tlettax-il xahar kull wiehed. Iz-zmien li l-imsemmija imputati ghamlu taht arrest preventiv ghandu jitnaqqas minn dan il-perjodu.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat l-isfond partikolari li fih gew perpetwati l-imsemmija reati kif ukoll il-konsegwenzi serji li seta' jkun hemm li kieku l-imputati rnexxilhom ikissru ghal kollox il-kancell ta' barra u jaharbu mic-Centru ta' Detenzjoni kif ukoll dak li seta jigri li kieku ir-rewwixta ma gietx kontrollata u dehrilha li l-piena ta' prigunerija kienet opportuna u mehtiega f'dawn ic-cirkostanzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------